

**DIRETTIVA 2008/18/KE TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL****tal-11 ta' Marzu 2008**

**li temenda d-Direttiva tal-Kunsill 85/611/KEE dwar il-koordinazzjoni ta' liġijiet, regolamenti u dispożizzjonijiet amministrattivi dwar impriżi għal investimenti kollettivi f'titoli trasferibbli (UCITS), fir-rigward tas-setgħat ta' implimentazzjoni konferiti lill-Kummissjoni**

IL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL TA' L-UNJONI EWROPEA,

li jkunu diġa' fis-seħħ, dawk l-istrumenti għandhom jiġu aġġustati skond il-proċeduri applikabbli.

Wara li kkunsidraw it-Trattat li jstabbilixxi l-Komunità Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 47(2) tiegħu,

- (4) Il-Kummissjoni għandha tingħata s-setgħa li tadotta l-miżuri meħtieġa għall-implimentazzjoni tad-Direttiva 85/611/KEE billi tadotta emendi tekniċi li jiċċaraw id-definizzjonijiet sabiex tiġi assicurata l-applikazzjoni uniformi ta' dik id-Direttiva mal-Komunità kollha, u tallinja t-terminoloġija u tistabbilixxi definizzjonijiet konformement ma' atti sussegwenti dwar il-UCITS u materji relatati. Ladarba dawk il-miżuri huma ta' kamp ta' applikazzjoni ġenerali, u huma maħsuba biex jiġu emendati elementi mhux essenzjali tad-Direttiva 85/611/KEE, għandhom jiġu adottati skond il-proċedura regolatorja bi skrutinju prevista fl-Artikolu 5a tad-Deċiżjoni 1999/468/KE.

Wara li kkunsidraw il-proposta tal-Kummissjoni,

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew <sup>(1)</sup>,

Filwaqt li jaġixxu skond il-proċedura msemmija fl-Artikolu 251 tat-Trattat <sup>(2)</sup>,

- (5) Id-Direttiva 85/611/KEE għandha għaldaqstant tiġi emendata kif meħtieġ.

Billi:

- (1) Id-Direttiva tal-Kunsill 85/611/KEE <sup>(3)</sup> tistipula li għandhom jiġu adottati ċerti miżuri skond id-Deċiżjoni tal-Kunsill 1999/468/KE tat-28 ta' Ġunju 1999 li jstabbilixxu l-proċeduri biex ikunu eżerċitati s-setgħat ta' implimentazzjoni konferiti lill-Kummissjoni <sup>(4)</sup>.

- (6) Ladarba l-emendi lid-Direttiva 85/611/KEE permezz ta' din id-Direttiva huma ta' natura teknika u jikkonċernaw biss il-proċedura ta' kumitat, dawn ma jeħtiġux traspożizzjoni fl-Istati Membri. Għaldaqstant, m'huwix meħtieġ li jiġu stabbiliti dispożizzjonijiet għal dan il-għan,

- (2) Id-Deċiżjoni 1999/468/KE ġiet emendata bid-Deċiżjoni 2006/512/KE li introduċiet il-proċedura regolatorja bi skrutinju għall-adozzjoni ta' miżuri ta' kamp ta' applikazzjoni ġenerali u mfassla sabiex jemendaw elementi mhux essenzjali ta' strument bażiku adottat skond il-proċedura msemmija fl-Artikolu 251 tat-Trattat, inter alia billi jħassru xi wħud minn dawk l-elementi jew billi jissupplimentaw l-istrument b'elementi mhux essenzjali ġodda.

ADOTTAW DIN ID-DIRETTIVA:

Artikolu 1

**Emendi**

L-Artikoli 53a u 53b tad-Direttiva 85/611/KEE huma sostitwiti b'dan li ġej:

- (3) Konformement mad-dikjarazzjoni tal-Parlament Ewropew, tal-Kunsill u tal-Kummissjoni dwar id-Deċiżjoni 2006/512/KE <sup>(5)</sup>, sabiex il-proċedura regolatorja bi skrutinju tkun applikabbli għall-istrumenti adottati skond il-proċedura msemmija fl-Artikolu 251 tat-Trattat,

“Artikolu 53a

Il-Kummissjoni għandha tadotta emendi tekniċi għal din id-Direttiva fl-oqsma li ġejjin:

<sup>(1)</sup> ĠU C 161, 13.7.2007, p. 45.

<sup>(2)</sup> Opinjoni tal-Parlament Ewropew ta' l-10 ta' Lulju 2007 (għadha mhix ippubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali) u d-Deċiżjoni tal-Kunsill tat-3 ta' Marzu 2008.

<sup>(3)</sup> ĠU L 375, 31.12.1985, p. 3. Direttiva kif l-aħħar emendata bid-Direttiva 2005/1/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 79, 24.3.2005, p. 9).

<sup>(4)</sup> ĠU L 184, 17.7.1999, p. 23. Id-Deċiżjoni kif emendata bid-Deċiżjoni 2006/512/KE (ĠU L 200, 22.7.2006, p. 11).

<sup>(5)</sup> ĠU C 255, 21.10.2006, p. 1.

- (a) kjarifika tad-definizzjonijiet biex tkun żgurata applikazzjoni uniformi ta' din id-Direttiva mal-Komunità kollha;

- (b) konformità tat-terminoloġija u t-tfassil ta' definizzjonijiet skond atti sussegwenti tal-UCITS u materji relatati.

Dawk il-miżuri, maħsuba biex jemendaw elementi mhux essenzjali ta' din id-Direttiva għandhom jiġu adottati skond il-proċedura regolatorja bi skrutinju msemmija fl-Artikolu 53b(2).

*Artikolu 53b*

1. Il-Kummissjoni għandha tkun assistita mill-Kumitat tat-Titoli Ewropej, imwaqqaf bid-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2001/528/KE (\*).

2. Fejn issir referenza għal dan il-paragrafu, għandhom japplikaw l-Artikoli 5a(1) sa (4) u l-Artikolu 7 tad-Deċiżjoni 1999/468/KE, b'kont meħud tad-diżpożizzjonijiet ta' l-Artikolu 8 tagħha.

---

(\*) ĠU L 191, 13.7.2001, p. 45. Deċiżjoni kif emendata mid-Deċiżjoni 2004/8/KE (ĠU L 3, 7.1.2004, p. 33).".

*Artikolu 2*

**Dħul fis-seħħ**

Din id-Direttiva għandha tidħol fis-seħħ fil-jum wara dak tal-pubblikazzjoni tagħha fil-*Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea*.

*Artikolu 3*

**Indirizzati**

Din id-Direttiva hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmul fi Strasburgu, 11 ta' Marzu 2008.

*Għall-Parlament Ewropew*

*Il-President*

H.-G. PÖTTERING

*Għall-Kunsill*

*Il-President*

J. LENARČIČ